MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-13 ta' April, 2004

Talba Numru. 37/2004

**Gilbert Buttigieg**
**vs**

**Gizelle Mejri u Mohsen Ben Kaddoura konjugi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Jannar, 2004, fejn intqal :**
**Illi prevja dikjarazzjoni ta' responsabilita' il-konvenuti ghandhom ihallsu s-somma ta' mitejn u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm275.00), jew somma ohra verjuri, rapprezentanti danni kkagunati f'incident awtomobilistiku tas-27 ta' Lulju, 2003 gewwa Triq il-Mizieb, Mellieha, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAN-097 propjeta` tal-attur u minnu misjuqa u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBH-928 misjuqa mill-konvenuta Gizelle Mejri, liema incident sehh unikament tort tal-konvenuta Gizelle Mejri minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta'**

**osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha ;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-avviz kontra l-assigurazzjoni tal-konvenuti ai termini tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, u tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Novembru, 2003 kontra l-konvenuti li huma ingunti ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-attur fis-26 ta' Marzu, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenuti. Ra li l-konvenuti baqghu ma dehrux.**

**Ikkunsidra ;**
**Illi l-konvenuta kienet s-sewwieqa fl-incident imsemmi u ghalhekk hi biss tista` tigi ritenuta responsabbli ghall-incident u ghall-eventwali danni.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenuti, peress illi t-talba tirrizulta pruvata biss fil-konfront tal-konvenuta, it-Tribunal filwaqt illi jillibera lill-konvenut Mohsen Ben Kaddoura mill-osservanza tal-gudizzju, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta Gizelle Mejri thallas lill-attur is-somma ta' mitejn u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm275.00).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-avviz kontra l-assigurazzjoni tal-konvenuti ai termini tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, u tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Novembru, 2003, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------